MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 11/2004

**Vernon's Food Manufacturing and Trading Limited**

**Vs**

**Raymond Gatt**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija w erbghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm440.32c) li b'digriet tal-24 ta' Mejju, 2004 giet awtorizzata talba ghal sostituzzjoni ta' dan l-ammont ghal tmien mija u tmienja w erbghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm848.36c) u dan billi l-konvenut fil-kwalita' tieghu ta' *sales representative* mpjegat mad-ditta attrici kien jigbor flus ghall-imsemmija ditta attrici minghand il-klijenti taghha u li biex jigbru l-informazzjoni ta' kemm flus il-konvenut gabar u ma tax, l-atturi nkorrew spiza ta' tmien mija u tmienja w

erbghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm848.36c) cjoe' l-ammont mitlub wara l-imsemmi digriet.
Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi s-socjeta' attrici ma nkorriet l-ebda danni sabiex tigbor l-informazzjoni necessarja u fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju l-ammont pretiz huwa ghal kollox esagerat. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti esebiti u sema' x-xhieda ta' David Azzopardi, Clint Pace, Josef Bugeja, Anna Zammit, Saviour Borg, Raymond Gatt u l-Affidavit ta' Mary Giusti.

Sema' t-trattazzjoni tal-PL Pauline Mallia ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Ludvic Caruana ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici bhala *salesman* u xogholu kien jikkonsisti billi jdur il-klijenti tas-socjeta' attrici cjoe' l-hwienet, jigbor l-*orders* li jaghmlulu minn zmien ghal zmien u mbaghad, anki jigbor il-hlasijiet ta' l-*orders* precedenti li jkunu saru. Il-konsenji ta' l-oggetti ordnati ma kienux isiru minnu izda kienu jsiru minn impjegati ohra tal-kumpanija.

Gara li fil-bidu ta' Gunju 2003, is-socjeta' attrici giet infurmata li wiehed mill-klijenti taghha li kien ircieva *invoice*, kien qed jallega li fil-fatt dak l-*invoice* kien imhallas. Martin Borg, id-direttur tas-socjeta' attrici, kellem lill-konvenut, li kien is-*salesman* ghall-hanut in kwistjoni, u l-konvenut dakinhar ammetta mieghu li fil-fatt dak li kien qed jallega tal-hanut kien minnu w anki ammetta li kien hemm kazijiet ohra. Dak il-hin stess gie tterminat l-impjieg tal-konvenut u l-konvenut wieghed li se jhallas lis-socjeta' attrici l-ammont shih li huwa deherlu li gie mizappropprijat bil-patt illi l-kaz ma jigix irrappurtat lill-pulizija.

Effettivament, l-ghada jew jumejn wara, l-konvenut hallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) u inoltre ma hax il-paga li kien ghad fadallu jiehu.

Da parti taghha, s-socjeta' attrici, meta rat l-ammont involut iddecediet li taghmel verifika tal-kontijiet taghha u tkellem lill-klijenti li kien jaqdihom il-konvenut wiehed wiehed sabiex tivverifika l-ammont. Sabiex sar dan l-ezercizzju s-socjeta' attrici tikkontendi li mpjegat tnejn min-nies cjoe' lil Clint Pace u lil Josef Bugeja u ssostni li b'rizultat ta' l-impjieg taghhom fuq dan ix-xoghol hija nkorriet spiza ta' disa mija u hamsa u tletin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm935.59c). It-total ta' l-ammont li nstab nieqes, minn ezami tad-dokumenti a fol 10 u 11 tal-process, huwa ta' elfejn erba' mija u hdax-il lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu u seba' millezmi (Lm2,411.73c7m).

Minn din is-somma l-konvenut hallas elfejn lira Maltin (Lm2,000) fil-5 ta' Gunju, 2003 u inoltre kien ghad fadallu jiehu erba' mija u tmienja u disghin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm498.96c) bhala paga biex b'hekk, tenut kont il-premess, kien hemm kreditu favur il-konvenut ta' sebgha u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu u tliet millezmi (Lm87.22c3m).

Billi s-socjeta' attrici tikkontendi li nkorriet spiza ta' disa' mija u hamsa u tletin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm935.59c) fuq l-imsemmija zewg impjegati, hija ghalhekk qed titlob id-differenza ta' tmien mija u tmienja w erbghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu u seba' millezmi (Lm848.36c7m).

Illi ghalhekk l-ezami li ghandu jaghmel dan it-Tribunal m'huwiex fuq l-ammont mizapproprijat, billi dan jirrizulta li gie rifondit, izda jekk is-socjeta' attrici ghandhiex dritt tigi kkumpensata tal-verifiki li kellha taghmel fl-*accounts* taghha, u jekk tali verifika tikkorrispondix ghall-ammont li qed jintalab minnha.

Minn banda wahda ghandu jinghad li socjeta' kummercjali hija obbligata li jkollha *records up to date* u ghalhekk il-konvenut m'ghandux jigi tenut ihallas ghall-ispiza li setghet inkorriet is-socjeta' attrici sabiex ir-*records* taghha jigu *updated*.

Illi inoltre, s-socjeta' attrici ghandha dritt tigi kkumpensata ghad-danni sofferti u dan huwa ekwivalenti ghal kumpens ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena ghal kemm damet minghajr flusha.  Dan huwa de minimis billi ghaddew biss gurnata jew tnejn bejn meta nstab li hemm flus nieqsa sakemm dawn thallsu lura.

B'danakollu t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' attrici ghandha tigi kkumpensata ghax-xoghol extra li hadet minhabba f'dan l-incident izda fi grad ferm u ferm inqas minn dak minnha mitlub.

Minn ezami tad-dokumenti a fol 10 u 11 tal-process jirrizulta li n-numru ta' klijenti nvoluti kien sbatax u cjoe' Jimmy Cachia, J&M Self-Service, Joe Store (2 *invoices*), Paulsons Store (2 *invoices*), Haber Self-Service (4 *invoices*), Bezzina Greengrocer (4 *invoices*), Two Brothers (2 *invoices*), Right Choice, Saviour General Store (2 *invoices*), Boq Self-Service, Century Choice, Charles Store (4 *invoices*), San Blas Mini-Market (3 *invoices*), David Market (4 *invoices*), Easyway, Zammit Store w Alfred Cachia.

Dawn kienu l-postijiet fejn kien hemm il-problemi dwarhom.  Kien hemm imbaghad madwar hamsa u tletin *store* ohra li dwarhom ma kienx hemm flus nieqsa – total ta' circa hamsin klijent.

It-Tribunal jidhirlu li sabiex jigu akkuratament ezaminati *records* ta' hamsin klijent, wiehed m'ghandux idum aktar minn saghtejn *on average*, dan tenut kont tal-fatt li jkun hemm min itik risposta mill-ewwel u ghalhekk b'telefonata tinqeda u jkun hemm min ihabbtek iktar u ghalhekk kalkolu ta' saghtejn ghal sbatax-il klijent li kellu problema u siegha ghal hamsa u tletin klijent li ma kellux problema jgibu total ta' disgha u sittin siegha.

B'rata approssimattiva ta' zewg liri Maltin u hamsin centezmu (Lm2.50c) fis-siegha jgibu total ta' mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm172.50c). Minn din is-somma wiehed irid inaqqas dak li s-socjeta'

attrici diga’ kellha f’idejha bhala *credit* fl-ammont ta’ sebgha u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu u tliet millezmi (Lm87.22c3m) biex b’hekk jigi bilanc ta’ hamsa u tmenin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu u seba’ millezmi (Lm85.27c7m) liema somma qed tigi rrotondita ghal disghin lira Maltin (Lm90).
Billi l-ammont likwidat minn dan it-Tribunal huwa ferm inferjuri ghall-ammont mitlub mill-atturi u dan partikolarment billi fil-mori tal-kawza ziedu s-somma minn erba’ mija w erbghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm440.32c) ghal tmien mija u tmienja w erbghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm848.36c), ghandu jkun hemm rifless opportun fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disghin lira Maltin (Lm90) bl-interessi li jiddekadu mil-lum. L-ispejjez ikunu kwantu ghal 1/9 ghall-konvenut u 8/9 ghas-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------